# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 9/2019 BS**

**Anthony Camilleri; Michael Camilleri; John Camilleri; Agnese Camilleri u wliedha Nathalie Hili, David Camilleri u Kevin Camilleri**

**-vs-**

**Maria Camilleri u Carmela Xuereb**

*Sentenza Preliminari*

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] illi ppremettew:**

1. *"ILLI missier il-kontendenti, Paul Camilleri, miet fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982). Ursola Camilleri, mart l-istess Paul Camilleri u omm il-kontendenti, mietet fil-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elf disa' mija u sebgħa [sic] u disgħin (1997);*

[1] Rik. Gur. A fol 1 sa 5.

2. *ILLI l-konjuġi Camilleri kienu għamlu erba' testmenti 'unica carta' li jinsabu rispettivamnet fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin datat seba' (7) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u ħamsa u sebgħin (1975), ieħor fl-atti tan-Nutar Emmanuele Cefai datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1979); ieħor fl-atti tal-istess Nutar Emmanuele Cefai datat tnax (12) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980) u ieħor fl-atti ukoll [sic] tan-Nutar Emmanuele Cefai datat tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u wieħed u tmenin (1981);*

3. *ILLI permezz ta' dawn it-testmenti l-konjuġi Camilleri istitwew bħala eredi universali tagħhom lis-sitt itfal tagħhom, jiġifieri lill-konvenuti Maria Camilleri u Carmela Xuereb u lill-atturi Anthony Camilleri, Michael Camilleri, John Camilleri u Nazzareno Camilleri. Nazzareno Camilleri miet u wirtuh l-atturi martu Agnese Camilleri u t-tlett uliedu Nathalie Hili, David Camilleri u Kevin Camilleri. Fl-istess testment ħallew ukoll għadd ta' legati;*

4. *ILLI dwar il-wirt tal-omm Ursola Camilleri kien hemm proċeduri legali li illum [sic] huma magħluqa iżda l-atturi kemm il-darba [sic] interpellaw lill-konvenuti sabiex jersqu għad-diviżjoni tal-assi ereditarji ta' missierhom Paul Camilleri u dawn dejjem baqgħu inadempjenti. Infatti l-aħħar interpellazzjoni saret permezz ta' ittra uffiċċjali [sic] f'Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) liema ittra iġġib [sic] in-numru 502/2017."*

**Talbu ghalhekk lill din il-Qorti:**

1) *"Tiddikjara illi l-atturi Anthony Camilleri, Michael Camilleri, John Camilleri u Agnese Camilleri pro et noe bħala eredi ta' żewġha Nazzareno Camilleri flimkien mal-konvenuti Maria Camilleri u Carmela Xuereb huma l-eredi ta' missierhom Paul Camilleri illi miet fit-28 ta' Marzu 1982;*

2) *Tiffissa u tistabilixxi dawk l-assi mobbli u [i]mmobbli formanti l-eredità tal-mejjet Paul Camilleri, liema assi jiġi dikjarat li jikkonsistu f'dawk l-assi partikolari tad-decujus kif ukoll f'dawk l-assi li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ġia' eżisteni bejn il-mejjet Paul Camilleri u martu Ursola Camilleri;*

3) *Taħtar perit arkitett sabiex jagħmel deskrizzjoni u stima tal-assi kollha in diviżjoni kif ukoll sabiex iħejji pjan ta' qasma b'mod illi kull parti tieħu sehem indaqs;*

4) *Tordna d-diviżjoni ta' l-assi [sic] hekk likwidati fil-kwoti ta' wieħed minn sitta (1/6) lil kull wieħed u waħda mill-partijiet;*

5) *F'każ li d-diviżjoni tal-assi tirriżulta komodament diviżibbli bejn il-partijiet, tordna l-publikazzjoni tal-att ta' diviżjoni opportun u għal dan il-fini tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv f'dik il-ġurnata, ħin u lok li jiġu ffissati minn din il-Qorti, bl-intervent tal-kuraturi maħtura wkoll minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;*

6) *F'każ li l-assi jirriżultaw li mhumiex kommodament diviżibbli, tordna l-bejgħ tagħhom in liċitazzjoni, bl-intervent tal-obblaturi estranei sabiex ir-rikavat minn dawn l-assi jiġi diviż bejn il-kontendenti skont il-kwoti lillhom spettanti kif stabbilit hawn fuq.*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni."*

**Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Maria Camilleri kif rappreżentata minn Mary Louise Muscat u Robert Camilleri illi ġew maħturin kuraturi tagħha wara li l-imsemmija Maria Camilleri ġiet inabilitata permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Sezzjoni Volontarja tal-4 ta' Ġunju, 2018.[2] L-eccezzjonijiet hawn imressqu huma:**

1. *"ILLI fl-ewwel lok, għandu jiġi ċċarat għala Nathalie Hili, David Camilleri u Kevin Camilleri huma rappreżentati minn ommhom, Agnese Camilleri meta dawn jirrisjedu f'dina l-gżira u għaldaqstant, għandha ssir id-debita korrezzjoni fl-okkju. Illi fi kwalunkwe każ irid jiġi vverifikat l-interess ġuridiku ta' l-attriċi [sic] Agnese Camilleri f'dina l-proċedura;*

2. *ILLI l-esponenti dejjem għamlietha [sic] ċara u tirrietera illi hija favur illi ssir il-qasma ta' l-assi ta' missier il-partijiet Pawlu Camilleri wara illi jiġu stabiliti l-kwoti ereditarji u l-konsistenza ta' l-assi għall-istess qasma."*

**Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Carmen Xuereb[3] illi eċċepiet:**

[2] Risposta guramentata a fol 13.
[3] Risposta guramentata a fol 18 u 19.

1. *"ILLI l-ewwel talba hi superfluwa u m'hemm ebda ħtieġa ta' dikjarazzjoni li l-werrieta ta' Paul Camilleri huma l-partijiet fil-kawża stante li dak li qed jintalab jinsab ġia' [sic] stabbilit fit-testment tal-istess Paul Camilleri. Għaldaqstant l-ispejjeż relattivi għal din l-ewwel talba għandhom jiġu akkollati kollha lill-atturi;*

2. *ILLI l-esponenti qatt m'opponiet u mhix topponi għad-diviżjoni, liema diviżjoni ma seħħitx b'mod bonarju kollu tort tal-istess atturi li ppretendew u sostnew li jdaħħlu għall-qasma beni li ma jappartjenux lill-eredità ta' Paul Camilleri;*

3. *ILLI l-esponenti mhix topponi għad-diviżjoni purché li tiġi verifikata l-konsistenza tal-assi in diviżjoni u tal-kwoti tal-partijiet;*

4. *ILLI billi l-esponenti għandha beni immobbli viċini għal wħud [sic] mill-immobbli in komun, hemm lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 502 u 503 tal-Kap. 16.*

*Salvi tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*
*Bl-ispejjeż."*

**Fliet l-atti.**

**Rat** li fl-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2019 gie mahtur il-Perit Joe Grech sabiex ihejji valutazzjoni u pjan ta' divizjoni tal-proprjetajiet immobbli in divizjoni dment li jirrizulta li dawn huma komodament divizibbli.[4]

**Rat** in-nota tal-atturi tas-26 ta' Lulju, 2019 li biha ezebew kopja tar-ricerki relattivi ghall-Paul Camilleri[5] inkluz in-nota tal-insinwa dwar it-testment *unica charta* tat-30 ta' Ottubru, 1981.[6]

**Rat** li fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2019,[7] l-atturi ddikjaraw l-istadju tal-provi taghhom maghluq ghajr ghal-prezentazzjoni ta' xi dokumenti nkluz sentenza tal-Qorti.[8]

---

[4] Verbal a fol 20.
[5] Nota a fol 29 u dokumenti - ricerka - a fol 30 sa 78.
[6] Nota tal-insinwa a fol 78.
[7] Seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju A. Attard Hili.
[8] Verbal a fol 109.

**Rat** in-nota tal-konvenuta Maria Camilleri tal-14 ta' Frar, 2020[9] li biha ezebit: [i] kopja legali tal-kuntratt ta' akkwist tas-7 ta' Lulju, 1954 in atti Nutar Francesco Refalo li bih Ursola Camilleri akkwistat zewg sieghan raba' fil-kontrada *Ta' Grunju* fin-Nadur;[10] [ii] nota tal-insinwa numru 417/1954 relattiva ghall-kuntratt tal-akkwist imsemmi;[11] [iii] traskrizzjoni tal-istess kuntratt,[12] u; [iv] kopja legali tal-kuntratt ta' qasma tal-31 ta' Ottubru, 1959 in atti Nutar Giuseppe Cauchi li bih, Pawlu Camilleri akkwista erba' sighan raba' fi Triq Grunju, in-Nadur.[13]

**Rat** li fl-udjenza tal-10 ta' Dicembru, 2021 ir-rapprezentanti tal-konvenuta Maria Camilleri ddikjaraw l-istadju tal-provi tal-istess Maria Camilleri maghluq.[14]

**Rat** in-nota tal-konvenuta Carmela sive Carmen Xuereb tat-13 ta' Mejju, 2022 li biha ezebit sensiela ta' cedoli li bihom gew depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti diversi flejjes li jiffurmaw parti mill-wirt ta' Paolo Camilleri b'dawn ghandhom jidhlu fil-massa ereditarja tal-istess Paolo Camilleri.[15]

**Rat** li fl-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2022 il-konvenuta Carmela sive Carmen Xuereb iddikjarat l-istadju tal-provi taghha maghluq.[16]

**Rat** in-nota tal-atturi tas-16 ta' Frar, 2023 li biha emendew il-lista ta' proprjetajiet li skonthom ghandhom jidhlu fil-qasma bejn il-partijiet kontendenti bhala l-proprjetajiet gja appartenenti li missier il-partijiet kontendenti Pawlu Camilleri.[17]

**Rat** in-nota tal-21 ta' Marzu, 2023 ta' Robert Camilleri u Mary Louise Muscat ghan-nom ta' ommhhom il-konvenuta Maria Camilleri maghmulha b'risposta ghal dik tal-atturi li biha emendew il-lista tal-

---

[9] Nota a fol 123.
[10] Kopja awtentikata tal-kuntratt a fol 124 u 125.
[11] Fotokopja a fol 126 u 127.
[12] Traskrizzjoni a fol 128sa 131.
[13] Kopja awtentikata a fol 132 sa 137.
[14] Verbal a fol 199.
[15] Nota a fol 203, cedola numru 78/2020 a fol 204 sa 207, cedola numru 168/2020 a fol 208 sa 212, cedola numru 183/2020 a fol 213 sa 216, cedola numru 48/2021 a fol 216 sa 220.
[16] Verbal a fol 221.
[17] Lista ta' proprjetajiet originali a fol 28 - nota a fol 242 u 243 bil-lista emendata a fol 243.

proprjetajiet li skonthom huma ghal-qasma bejn il-partijiet kontendenti.[18]

**Rat** in-nota tal-4 ta' April, 2023 tal-konvenuta Carmela Xuereb b'risposta ghal dik tal-atturi li biha emendew il-lista tal-proprjetajiet li skonthom huma ghal-qasma bejn il-partijiet kontendenti.[19]

**Rat** li fl-udjenza tat-23 ta' Gunju, 2023 il-kawza giet iddifferita ghal-lum ghas-sentenza preliminari dwar il-konsistenza tal-assi ta' l-awtur tal-partijiet Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri.

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza**, inkluz id-dokumenti ezebiti, noti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha.

## B. Provi:

**Semghat ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

**Anthony Camilleri**, attur, xehed[20] li l-proprjetajiet li gejjin mill-wirt ta' missieru Pawlu Camilleri huma sebgha:

i. Art fabbrikabbli fi Triq ta' Grunju, in-Nadur li kienet parafernali ta' missieru u ghalhekk trid tidhol fid-divizjoni fl-intier taghha;
ii. Nofs indiviz tal-fond numru 3 fi Triq San Gwann, in-Nadur, liema fond kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn missieru u ommu Ursola;
iii. Nofs indiviz tar-raba' maghruf bhala *Tal-Gimes*, in-Nadur;
iv. Nofs indiviz tal-art fabbrikabbli fi Triq David Cocco Palmieri, in-Nadur;
v. Nofs indiviz tar-raba' mhux fabbrikabbli fi Triq ix-Xatt;
vi. Nofs indiviz tal-art li fuqha nbena l-fond *Martin* fi Triq San Gwann, in-Nadur minn Carmela Xuereb b'dan li ghandu jitqies biss il-valur tal-art;

[18] Nota a fol 247.
[19] Nota a fol 248 u 249 b'dokumenti a fol 250 sa 318.
[20] Traskrizzjoni a fol 25 sa 27.

vii. Nofs indiviz tal-art fi Triq David Cocco Palmieri, in-Nadur, li fuqha nbnew fabbrika zghira u appartament minn Carmela Xuereb b'dan li anke hawn ghandu biss jitqies il-valur tal-art.

Jipprezenta lista li turi l-istess proprjetajiet.[21]

**Xehed ulterjorment**,[22] li oltre s-seba' proprjetajiet diga msemmija minnu, missieru Pawlu Camilleri kellu wkoll qabar fic-cimiterju l-qadim ta' Triq it-Torri ta' Kenuna, in-Nadur, Ghawdex.

Izid li l-fond numru 3 fi Triq San Gwann, in-Nadur, li nkluda mall-lista ta' seba' propjetajiet u li kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn missieru u ommu Ursola, ilu okkupat minn wahda mit-tfal tal-konvenuta Maria Camilleri li tghix fih.

Jghid li din bint Maria ilha tghix hemm minn qabel mietet ommu. Izid li dwar dan kien hemm kawza ohra. Jghid li din bint Maria qatt ma' hallset kera fuq dan il-fond lill xi hadd minnhom.

**In kontro-ezami**,[23] xehed li missieru qabar xtara mhux biss id-dritt li jindifen f'qabar. Jghid li l-qabar huwa tal-familja.

Dwar il-fond numru 3 fi Triq San Gwann, in-Nadur jghid li darba kien hemm sentenza tal-Qorti. Mistqosi jekk huwa qattx talab kera dwar dan jghid li le.

**In kontro-ezami ulterjuri**,[24] xehed li m'ghandux pjanta tal-art fabbrikabbli fi Triq ta' Grunju, in-Nadur li kienet parafernali ta' missieru u li nkluda fil-lista ta' seba' proprjetajiet.

Mistoqsi jekk l-istess art hijiex maqsuma f'zewg plottijiet, bi plot wiehed inxtara minn missieru mentri iehor inxtara minn jew hija parafernali ta' certa Sika jghid li le.

Jghid li missieru wiret sehemu minn din l-art u xtara sehem iehor ta' xi hadd minn hutu.

---

[21] Lista a fol 28.
[22] Traskrizzjoni a fol 82 sa 86.
[23] Traskrizzjoni a fol 86 sa 88.
[24] Traskrizzjoni a fol 91 sa 108.

Jghid li dik l-art hija lkoll ta' missieru ghax gejja minn wirt li wiret missieru.

Jghid li huwa jaf sewwa fejn qieghda din l-art f'Ta' Grunju. Jghid li l-kejl taghha ma' jafux.

Dwar il-fond numru 3 fi Triq San Gwann li wkoll diga nkluda fil-lista tas-seba' proprjetajiet jghid li dan kien nofs bin-nofs bejn ommu u missieru.

Mistoqsi jekk il-parti ta' wara ta' dan il-post kienitx dotata lill ommu fl-1935 jghid li xi parti giet miz-zija.

Mistoqis jiccara jekk il-parti ta' wara kienitx giet dotata lill ommu qabel din izzewget bil-parti ta' quddiem imbaghad giet akkwistata fiz-zwieg jghid li dan sehh meta ommu kienet mizzewga lill missieru.

Jaqbel li fuq wara ta' din il-proprjeta' hemm parti li hija ta' ommu biss.

Jghid li dwar din l-proprjeta' hemm il-process ta' kawza ohra li jistghu jistriehu fuqu.

Dwar in-nofs indiviz tar-raba' maghruf bhala *Tal-Gimes*, jghid li ghalkemm dan jigi wara l-fond numru 3 fi Triq San Gwann, dan ma' kienx parti mid-dota li rcievit ommu.

Jghid li bejn dan ir-raba' u l-fond numru 3 hemm sqaq.

Jaqbel li raba' *Tal-Gimes* hemm tnejn; wahda li kienet parti mill-komunjoni bejn ommu u missieru u ohra li kienet ta' ommu biss. Izid li hu fil-lista wahda biss semma'. Jghid li huwa fil-lista indika l-bicca raba' il-kbira li fiha kamra.

Dwar in-nofs indiviz tal-art fabbrikabbli fi Triq David Cocco Palmieri jghid li din tigi bejn ir-residenza ta' huh John Camilleri u l-fabbrika ta' ohtu Carmela Xuereb. Jghid li fuq il-parti ta' din l-art li hija cens hemm fabbrika ta' Carmela Xuereb.

Jghid li fil-fatt dwar dan fil-lista tieghu huwa identifika l-porzjon minn din l-art li mhux mibni bhala l-proprjeta' numru 4 mentri identifika l-

porzjon li fuqu hemm il-fabbrika ta' Carmela Xuereb bhala l-proprjeta' numru 7. Izid li ghalhekk, il-proprjeta' li identifika fil-paragrafu 4 tmiss ma' dik li identifika fil-paragrafu numru 7.

Dwar in-nofs indiviz tar-raba' mhux fabbrikabbli fi Triq ix-Xatt jghid li jiddubita li din hija proprjeta' li gejja minn naha ta' missieru b'dan ghadu jrid jigi stabbilit.

Jghid li d-dar jisimha *Martin* hija ta' Carmela Xuereb.

**Michael Camilleri**, attur, xehed[25] billi kkonferma l-lista ta' seba' proprjetajiet ezebita minn huh, l-attur Anthony Camilleri bhala dik li turi l-proprjetajiet li gejjin mill-wirt ta' missierhom Paul Camilleri.

**Mary Louise Muscat**, bint u in rapprezentanta tal-konvenuta Maria Camilleri, xehdet permezz ta' affidavit.[26] Iddikjarat li mir-ricerka li ghamlu jirrizulta li l-proprjeta' in divizjoni bejn il-partijiet hija s-segwenti:

i. Art fabbrikabbli tal-kejl ta' 798.6m.k. fi Triq ta' Grunju li giet akkwistata b'kuntratt ta' divizjoni tal-31 ta' Ottubru, 1959 in atti Nutar Giuseppe Cauchi - tannetti pjanta li turi l-istess art;[27]

ii. Nofs indiviz ta' parti mil-fond numru 3 fi Triq San Gwann, in-Nadur, u cioe l-parti ta' quddiem tal-istess fond tal-kejl ta' 370.38m.k. li kienet l-oggett ta' kuntratt ta' *datio in solutum* tat-23 ta' Ottubru, 1976 bejn Paola Vella u Ursola Camilleri - kuntratt in atti Nutar Antonio Galea - bil-kumplament tal-istess fond kien assenjazzjoni dotali favur Ursola Camilleri bl-att tan-Nutar Angelo Cauchi tas-7 ta' Novembru, 1935 u allura kien parafernali ghall-istess Ursola Camilleri u ghandu jigi eskluz mil-qasma bejn il-kontendenti. Izzid li din il-parti ta' dan il-fond li hija in divizjoni bejn il-kontendenti hija murija ahjar fl-atti tal-kawza numru 92/1997 deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April, 2012 fl-Isemijiet ***Anthony Camilleri et vs Lilian mart Gorg Gatt et***;

[25] Traskrizzjoni a fol 89 u 90.
[26] Affidavit a fol 110 u 111.
[27] Pjanta afol 112.

iii. Nofs indiviz ta' porzjon diviza ta' art imsejha *Tal-Gimes* tal-kejl ta' cirka 653.92m.k. accessibbli minn sqaq privat numru 1 li jizbokka fi Triq San Gwann, in-Nadur - tannetti pjanta li turi din l-art.[28] Izzid li l-porzjon art ohra f'*Tal-Gimes* tal-kejl ta' 336m.k. kienet interament ta' Ursola Camilleri;

iv. Nofs indiviz tal-porzjon art fil-kontrada *Ta' Troppu* fin-Nadur kif murija ahjar immarkata bl-ittri 'B' u 'C' fi pjanta li tezebixxi,[29] u;

v. Qabar tal-familja fic-cimiterju parrokjali tan-Nadur.

Tirrileva ulterjorment li bit-testment *unica charta* tas-7 ta' Gunju, 1975 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin, Carmela Xuereb inghatat l-art taht il-proprjeta' taghha bl-isem *USA House* fi Triq San Gwann b'legat akkont ta' sehemha mill-wirt ta' missiera Pawlu u ommha Ursola Camilleri.

**In kontro-ezami**,[30] xehdet li ghalkemm il-pjanta li ezebit ma' l-affidavit taghha sabiex tidentifika l-art fabbrikabbli tal-kejl ta' 798.6m.k. fi Triq ta' Grunju fil-fatt turi din l-art bhala li tinsab fi Triq David Cocco Palmieri, taqbel li llum dik it-triq hija Triq Grunju.

Tghid li minkejja dak li qalet fl-affidavit taghha, din l-art gejja in parti mill-wirt tan-nannu taghha Pawlu Camilleri b'porzjon minnha kienet giet akkwistata minn nannitha Ursola Camilleri minghand xi hadd minn hut Pawlu Camilleri. Izzid li Ursola Camilleri kienet ghamlet dan l-akkwist meta Pawlu Camilleri kien ghadu l-Amerika.

**B'affidavit ulterjuri**[31] xehdet li hija taqbel ma' l-affidavit ta' zewgha Raymond Muscat u tikkonferma l-kontenut tieghu.

**In kontro-ezami ulterjuri**,[32] xehdet li f'dawn il-proceduri hija tirraprezenta lill ommha Maria Camilleri. Izzid li ommha hija wahda mill-ahwa eredi f'din il-kawza.

---

[28] Pjanta a fol 113.
[29] Pjanta a fol 114.
[30] Traskrizzjoni a fol 116 u 117.
[31] Affidavit a fol 197.
[32] Traskrizzjoni a fol 229 sa 238.

Murija l-lista ta' proprjetajiet ezebita mill-atturi bhala dawk li ghandhom jigu divizi b'din il-kawza, tghid li l-ewwel wahda - Ta' Grunju - ma' kienitx kollha parafernali ta' Pawlu Camilleri ghaliex Ursola Camilleri kienet akkwistat hi sehem minnha b'kuntratt tas-7 ta' Lulju, 1954. Izzid li din kienet akkwistata fiz-zwieg.

Tghid li f'Ta' Grunju hemm proprjeta' li hija parafernali ta' Pawlu Camilleri u ohra tmiss maghha li m'hijiex parafernali ta' Pawlu imma Pawlu ghandu bicca minnha.

Dwar il-proprjeta' numru 2 fil-lista tal-atturi - il-fond numru 3 fi Triq San Gwann, in-Nadur - tghid li dik kienet kollha ta' Paola Vella u giet trasferita favur Ursola Camilleri b'kuntratt ta' *datio in solutum* tat-23 ta' Ottubru 1976. Tghid li fl-1976 Pawlu u Ursola Camilleri kienu mizzewgin. Tghid li d-*datio in solutum* ma' tafx ghalfejn sar.

Dwar il-proprjeta' numru 3 fil-lista tal-atturi tghid li taqbel li dik il-proprjeta *Tal-Gimes* hija ghal qasma bejn il-kontendenti.

Dwar il-proprjeta' numru 4 fuq il-lista tal-atturi - art fabbrikabbli fi Triq David Cocco Palmieri - tghid li ma' taqbilx li din hija ghal qasma ghax l-istess ukoll giet trasferita bil-kuntratt ta' *datio in solutum*. Taqbel li dan ukoll sehh fiz-zwieg bejn Pawlu u Ursola Camilleri.

Dwar il-proprjeta' numru 5 fil-lista tal-atturi tghid li hemm qbil li dik l-art fi Triq ix-Xatt ghandha tkun parti mil-qasma.

Dwar in-numru 6, tghid li hemmhekk kien hemm cens li nfeda minn Vicky Hili u Sherry Camilleri. Tghid li qabel dan dik l-art fejn inbena l-fond *Martin* fi Triq San Gwann kienet ta' Paola Vella u ghaddiet ghand Ursola Camilleri. Taqbel li l-benefikati kollha saru minn Carmela Xuereb, oht ommha. Izzid li ma' taqbilx li din l-art kienet nofsha ta' Pawlu u nofsha ta' Ursola.

Dwar il-proprjeta' numru 7 tghid li din m'ghandix tidhol fil-qasma ghaliex din l-art kienet giet akkwistata minn Carmela Xuereb bi ftehim ta' cirka l-2018 ma' ommha Maria Camilleri. Tghid li b'dan il-ftehim ommha cediet sehemha minn din l-art fi Triq Cocco Palmieri lill ohta Carmela Xuereb. Taqbel li sehemha biss setghet iccedi mhux ukoll l-ishma ta' hutha. Tghid li hemm kien kollu ta' Paola Vella b'dan li allura

kien dahal kollu fil-kuntratt ta' *datio in solutum* tat-23 ta' Ottubru 1976, meta nannuha kien ghadu haj u mizzewweg.

Taqbel li ma' dik il-lista tal-atturi irid jizdied il-abar li hemm fic-cimiterju parrokjali tan-Nadur.

**Raymond Muscat**, mizzewweg lill Mary Louise Muscat, xehed permezz ta' affidavit.[33] Jiddikjara li hemm qbil li l-plot shih f' Ta' Grunju, in-Nadur, ghandu jifforma parti mill-qasma bejn il-parijiet kontendenti.

Dwar in-nofs indiviz tal-fond numru 3 fi Triq San Gwann, in-Nadur, jghid li dan m'ghandux jifforma parti mid-divizjoni peress li dan ma' kienx tal-komunjoni tal-akkwisti bejn Pawlu u Ursola Camilleri izda kien gie trasferit favur Ursola minn Paola Vella b'kuntratt ta' *datio in solutum* tat-23 ta' Ottubru, 1976. Jezebixxi kopja tal-kuntratt in mertu.[34]

Jghid li ghalhekk il-fond numru 3 fi Triq San Gwann jappartjeni fl-intier tieghu lill Maria Camilleri.

Jghid li dan oltre t-testment ta' Paola Vella tal-11 ta' Frar, 1971 li bih ghaddiet dan il-fond numru 3 bil-gardina tieghu lill Ursola Camilleri permezz ta' legat. Izid li Maria Camilleri kienet l-eredi universali ta' Ursola Camilleri. Jezebixxi kopja tat-testment ta' Paola Vella.[35]

Dwar in-nofs indiviz tar-raba' maghruf bhala *Tal-Gimes* jghid li dan ghandu jifforma parti mid-divizjoni tal-proprjeta' ta' Pawlu Camilleri, bin-nofs indiviz l-iehor izda jappartjeni lill Maria Camilleri.

Dwar in-nofs indiviz tal-art fabbrikabbli fi Triq David Cocco Palmieri, in-Nadur, jghid li dan kien gie trasferit minn Paola Camilleri lill Ursola Camilleri bil-kuntratt ta' *datio in solutum* diga msemmi. Izid li Maria Camilleri - omm martu - wirtet lill-ohta Ursola Camilleri.

Dwar in-nofs indiviz tar-raba' mhux fabbrikabbli fi Triq ix-Xatt, in-Nadur, jghid li jaqbel li din ghandha tifforma parti mid-divizjoni.

---

[33] Affidavit a fol 167.
[34] Kopja a fol 168 sa 171
[35] Kopja a fol 178 sa 196.

Dwar in-nofs indiviz tal-art li fiqha nbena l-fond *Martin* fi Triq San Gwann, jghid li jaf li hemm kien hemm cens li gie mifdi minn Victoria Hili u Sherry Camilleri, izid li m'ghandu ebda nformazzjoni ghajr din.

Dwar in-nofs indiviz tal-art fi Triq David Cocco Palmieri, in-Nadur, li fuqha hemm mibnija fabbrika u appartament, jghid li din m'ghandix tifforma parti mid-divizjoni stante li l-istess ghaddiet ghand Carmela Xuereb.

**Robert Camilleri**, hu Mary Louise u in rapprezentanza wkoll ta' ommu, il-konvenuta Maria Camilleri, xehed permezz ta' affidavit. Iddikjara li huwa jaqbel mal-kontenut tal-affidavit ta' Raymond Muscat.

## C. Ikkunsidrat:

Din is-segwenti hija sentenza preliminari dwar il-konsistenza tal-assi mobbli u mmobbli formanti l-eredita' tad-decujus Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri, missier il-kontendenti Anthony, Michael, John, Maria, u Carmela ahwa germani Camilleri, kif ukoll il-mejjet Nazzarenu Camilleri li floku dahlu l-atturi martu Agnes Camilleri u ulidhom Nathalie Hili, David u Kevin Camilleri.

B'din is-sentenza ser tkun qieghda tigi ghalhekk indirizzata t-tieni talba attrici kif promossa fir-rikors guramentata tal-1 ta' Frar, 2019.

Skont l-ewwel premessa tar-rikors promotur tal-atturi li ma' gietx ikkontestata, l-istess Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri miet fit-28 ta' Marzu, 1982.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

L-ewwel lista ta' assi attribwiti lid-decujus Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri giet ezebiti fl-atti ta' din l-istanza mill-attur Anthony Camilleri fix xhieda tieghu tas-26 ta' Lulju, 2019.[36]

[36] Traskrizzjoni tax-xhieda a fol 25 *et seq;* lista a fol 28.

Dakinhar, l-imsemmi Anthony Camilleri elenka seba' proprjetajiet immobbli bhala appartenenti lid-decujus missieru Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri u li skontu kellhom ikunu in divizjoni bejn il-partijiet kontendenti.[37]

Dawn l-istess kienu s-segwenti:

i. Bicca art fabbrikabbli fi Triq ta' Grunju, in-Nadur, Ghawdex - deskritta bhala proprjeta' parafernali ta' Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri u li allura kellu tidhol fid-divizjoni fl-intier taghha;

ii. Nofs indiviz tal-fond numru 3 fi Triq San Gwann, in-Nadur, Ghawdex - deskritt bhala appartenenti lill komunjoni tal-akkwisti bejn Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri u martu - wkoll defunta - Ursola Camilleri;

iii. Nofs indiviz tar-raba' maghruf bhala *Tal-Gimes*, in-Nadur, Ghawdex - deskritt bhala li jigi fuq wara tal-fond numru 3, Triq San Gwann, in-Nadur deskritt *supra*;

iv. Nofs indiviz ta' art fabbrikabbli fi Triq David Cocco Palmieri, in-Nadur, Ghawdex - deskritta bhala tmiss mar-residenza tal-attur John Camilleri bl-isem *God Bless America*, Triq David Cocco Palmieri;

v. Nofs indiviz tar-raba' mhux fabbrikabbli maghruf bhala *Tat-Triq tax-Xatt*;

vi. Nofs indiviz tal-art li fuqha nbena l-fond *Martin*, fi Triq San Gwann, in-Nadur, Ghawdex - hawn gie ccarata li fid-divizjoni kellu biss jidhol il-valur tal-art stante li l-benefikati saru mill-konvenuta Carmela Xuereb, u;

vii. Nofs indiviz tal-art fi Triq David Cocco Palmieri, in-Nadur, Ghawdex - hawn gie ccarata li fid-divizjoni kellu biss jidhol il-valur tal-art stante li l-benefikati ta' fabbrika zghira u appartament mibnija fuq l-istess ukoll saru mill-konvenuta Carmela Xuereb.

---

[37] Ref.: xhieda tieghu a fol 25 sa 27 u lista a fol 28.

Immedjatament f'din ix-xhieda tieghu l-attur Anthony Camilleri ddikjara li rigward il-proprjeta' elenkata bhala dik numru (v) kellu d-dubji tieghu dwar jekk din kienitx appartenenti lill missieru Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri u allura kellhiex tidhol fid-divizjoni flimkien ma' l-ohrajn.[38]

Aktar tard, wara li nstemghu l-provi u ngibu diversi dokumenti dwar il-konsistenza tal-assi tad-decujus Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri u dan kemm da parti tal-atturi kif ukoll da parti tal-konvenuti; l-atturi ghamlu nota fejn emendew din l-ewwel lista tal-proprjeta' li skonthom kellha tidhol fid-divizjoni billi pprezentaw lista gdida b'nota taghhom tas-16 ta' Frar, 2023.[39]

F'din in-nota kienu nkluzi biss is-segwenti proprjetajiet u gew aggunti xi dettalji dwarhom kis imiss:

i. Bicca art fabbrikabbli fi Triq ta' Grunju, in-Nadur, Ghawdex - deskritta bhala li giet akkwistata mid-decujus Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri b'kuntratt ta' divizjoni tal-31 ta' Ottubru, 1959 in atti Nutar Giuseppi Cauchi;

ii. Nofs indiviz tal-fond numru 3 fi Triq San Gwann, in-Nadur, Ghawdex - deskritt bhala li nghata b'kuntratt ta' *datio in solutum* tat-23 ta' Ottubru, 1976 in atti Nutar Antonio Galea minn Paola Vella lill Ursola Camilleri. Inghad ukoll li l-istess kuntratt ta' *datio in solutum* sar waqt iz-zwieg ta' Ursola Camilleri ma' Paul Camilleri;

iii. Nofs indiviz tar-raba' maghruf bhala *Tal-Gimes*, in-Nadur, Ghawdex - deskritt bhala accessibbli mill-isqaq numru wiehed (1) fi Triq San Gwann, in-Nadur, Ghawdex;

iv. Nofs idniviz ta' art maghrufa bhala *Ta' Truppu* fi Triq David Cocco Palmieri, in-Nadur, Gahwdex, u;

v. Nofs indiviz tal-art li fuqha nbena l-fond *Martin*, fi Triq San Gwann, in-Nadur, Ghawdex - hawn gie ccarat li fid-divizjoni kellu biss

---

[38] Ref.: pagna 2 tax-xhieda tieghu tas-26 ta' Lulju, 2019 a fol 26 kif ukoll ix-xhieda tieghu in kontro-ezami ulterjuri kif traskritta a fol 91 *et seq*.
[39] Ref.: verbal tal-11 ta' Novembru, 2022 a fol 239 u 240 kif ukoll in-nota tal-atturi a fol 242 u 243.

jidhol il-valur tal-art stante li l-benefikati saru mill-konvenuta Carmela Xuereb.

Il-konvenuti lkoll irrispondew ghal din in-nota ta' emmenda tal-lista tal-proprjeta' maghmulha mill-atturi.

Robert Camilleri u Mary Louise Muscat, ulied il-konvenuta Maria Camilleri u in rapprezentanza taghha, irrispondew b'nota taghhom tal-21 ta' Marzu, 2023.[40]

B'din l-istess nota, dawn qablu li l-proprjeta' elenkata fin-nota tal-atturi bhala dik numru (i) u numru (iii) ghandha tifforma parti mid-divizjoni bejn il-kontendenti. Ziedu izda li dwar il-proprjeta' elenkata fin-nota tal-atturi bhala dik numru (ii) u (iv) m'hemmx qbil mentri dwar dik elenkata fin-nota tal-atturi bin-numru (v) irrimettew ruhhom stante nuqqas ta' informazzjoni disponibbli lilhom.

Da parti taghha, il-konvenuta Carmela Xuereb irrispondiet b'nota tal-4 ta' April, 2023[41] fejn qablet li l-proprjeta' elenkata mill-atturi bhala dik numru (i), (ii), u (iii) ghandha tidhol fid-divizjoni.

Ziedet izda li l-proprjeta' elenkata mill-atturi bhala dik numru (iv) u (v) m'ghandix u dan peress li skontha:

- dik numru (iv) inbieghet mill-partijiet kollha ghajr Maria Camilleri lis-socjeta' *Excel Investments Limited* b'att tad-9 ta' Ottubru, 2021 in atti Nutar Sylvianne Zahra. B'dan li Maria Camilleri ma' kinitx parti minn dak il-bejgh stante li kienet diga' qabel cediet sehemha minn din l-art lill-istess konvenuta Carmela Xuereb b'kuntratt ta' transazzjoni tat-12 ta' Marzu, 2016 in atti Nutar Enzo Dimech, mentri;

- dik numru (v) kienet thalliet bi prelegat ta' Paul Camilleri stess lill-istess konvenuta Carmela Xuereb bit-testment *unica charta* tieghu tas-7 ta' Gunju, 1976 in atti nutar Maurice Gambin. Il-konvenuta Cramela Xuereb giet immessa fil-pussess ta' dan il-prelegat mill-partijiet kollha b'kuntratt tal-10 ta' Jannar, 2013 in atti Nutar Joel Grima.

---

[40] Nota a fol 247.
[41] Ref. Nota a fol 248 u 249.

Immedjatament mill-assjem ta' dan jirrizulta allura li l-partijiet kontendenti huma lkoll unanimament fi qbil li l-proprjetajiet elenkati mill-atturi bhala dawk numri (i) u (iii) huma in divizjoni bejniethom.

M'hemmx izda qbil unanimu dwar ir-rimanenti prorpjetajiet ossija dawk elenkati mill-atturi bhali numri (ii), (iv), u (v), bl-atturi u l-konvenuta Carmela Xuereb jaqblu dwar il-proprjeta' elenkata bin-numru (ii) izda l-konvenuta Maria Camilleri kif rapprezentata ma' taqbilx ghax tghid li l-istess, apparti li kienet suggetta ghal-kuntratt ta' *datio in solutum* tat-23 ta' Ottubru, 1976 kienet ukoll suggetta ghat-testment ta' Paola Vella tal-11 ta' Frar, 1971 mentri z-zewg konvenuti ma' jaqblux mal-inkluzjoni tal-proprjeta' elenkata mill-atturi bin-numri (iv) izda ghal ragunijiet diversi filwaqt li l-konvenuta Carmela Xuereb ma' taqbilx mall-inkluzjoni tal-proprjeta' elenkata mill-atturi bin-numru (v) waqt li l-konvenuta Maria Camilleri dwar din tirrimetti ruhha.

Tenut kont tal-assjem tal-provi kollha li ngiebu quddiem din il-Qorti dwar il-proprjetajiet li fuqhom m'hemmx qbil bejn il-partijiet dwar jekk ghandhomx ikunu nkluzi fid-divizjoni bhala proprjetajiet li gejjin mill-wirt tad-decujus Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri, din il-Qorti tosserva kif isegwi:

***Dwar il-proprjeta' elenkata mill-atturi bhala dik numru (iv):***

Skond il-konvenuta Carmela Xuereb din il-proprjeta', ossia: in-nofs indiviz ta' art fabbrikabbli maghrufa bhala *Ta' Truppu* fi Triq David Cocco Palmieri, in-Nadur, Ghawdex - deskritta bhala tmiss mar-residenza tal-attur John Camilleri bl-isem *God Bless America*, Triq David Cocco Palmieri; inbieghet lis-socjeta' *Excel Investments Limited* b'att ta' bejgh, ratifika, u rinunzja ta' uzufrutt tad-9 ta' Otturbu, 2021 in atti Nutar Sylvianne Zahra.[42]

B'dan izda li minn ezami akkurat ta' dan l-att, jirrizulta car li l-proprjeta' li nbieghet b'dan l-istess kienet tikkonsisti [i] *f'korp ta' bini bla numru u bla isem fi Triq Davide Cocco Palmeri, Nadur, Ghawdex, liema korp bini jikkonsisti*

[42] Kopja awtentikata ta' liema tinsba a fol 253 sa 272.

*f'zewg garages, fil-pjan terran, l-appartament internament immarkat numru wiehed (1) fil-first floor level, minghajr l-arja u s-sottoswol tieghu, l-appartament internament immarkat numru tnejn (2) fis-second floor, minghajr is-sottoswol izda illi jikkomprendi l-arja sovrastanti, u l-kaxxa tat-tarag komuni li ghandha l-access taghha minn Triq Davide Cocco Palmeri, bl-arja taghha. Dan il-korp bini fl-intier tieghu huwa konfinati mix-Xlokk ma' Triq Davide Cocco Palmeri, mill-Lvant ma' beni ta' Maria Camilleri u ohrajn, u mit-Tramuntana in parti ma' beni ta' Victoria Hili u in parti ma' beni ta' Anthony u Marianne Cauchi, jew successuri fit-titlu. Dan il-korp bini qieghed ghaldaqstant jinbiegh u jigi trasferit bl-arja kollha tieghu minghajr limitu fl-gholi u bis-sottoswol kollu tieghu minghajr limitu fil-profoindita', liberu u frank* [...]; **u** [ii] *il-kamra qabel uzata bhala workshop fi Triq San Gwann, tal-kejl ta' cirka disgha u hamsin (59) metri kwadri gia formanti parti mill-fond li kien igib l-isem 'United States House', fi Triq San Gwann, Nadur, Ghawdex, konfinati Nofsinhar ma' beni ohra tal-vendituri Michael Martin Xuereb u ohrajn, Lvant ma' beni ta' Maria Camilleri u ohrajn, u Punent ma' beni ta' Jody Howe Xuereb u Carmen Xuereb* [...]

Din il-proprjeta' hekk kif deskritta f'dan l-att ta' bejgh, ratifika, u rinunzja ta' uzufrutt hija konsistenti ma' dik originarjament elenkata mill-atturi bhala proprjeta' numru (vii) li eventwalment tnehhiet minnhom fl-elenku tal-proprjetajiet emendat kif ezebit bin-nota taghhom tas-16 ta' Frar, 2023.

Dwar dan, xehed anke l-attur Anthony Camilleri in kontro-ezami fejn iddikjara li fil-lista tieghu huwa identifika zewg porzjonijiet art fi Triq David Cocco Palmieri; dik fil-paragrafu (iv) u dik fil-paragrafu (vii). Izid jghid li dik tal-paragrafu (iv) mhijiex mibnija mentri fuq dik elenkata fil-paragrafu (vii) hemm bini appartenenti lill-konvenuta Carmela Xuereb. Izid jghid ukoll li l-porzjon identifikata fil-paragrafu numru (iv) tmiss ma' dik identifikata fil-paragrafu numru (vii).

Da parti taghha, il-konvenuta Maria Camilleri tghid li din l-istess proprjeta' ghandha tigi eskluza mid-divizjoni stante li l-istess hija taghha ad eskluzjoni ta' haddiehor wara li hija ottjenita wara li giet ghand Ursola Camilleri minghand Paola Vella bl-att ta' *datio in solutum* tat-23 ta' Ottubru, 1976 in atti Nutar Antonio Galea.

Minn dan l-imsemmi att ta' *datio in solutum,*[43] jirizulta li Paola Vella assenjat u trasferixxit lill Ursola Camilleri, mart Paolo Camilleri, b'titolu ta' *datio in solutum, bicca raba', tal-kejl ta' cirka 3 itmiem (tliet itmiem) msejha*

[43] Kopja ezebita in atti a fol 172 sa 177 bi traskrizzjoni dilattografata tieghu ezebita a fol 168 sa 171.

*"ta' Troppu" sive "ta' Kusbejja', limit Nadur, Gozo, tmiss Tramuntana beni ta' Salvatore Ellul, Nofsinhar ma' passagg, Punent beni ta' Martin Xuereb u ohrajn, suggetta ghac-cens perpetwu ta' Lm2.25c0* [...] *bhala hlas u in sodisfazzjon tas-servizzi, kura u assistenza u prestazzjonijiet ta' flus "brevi manu" maghmulin mill-istess Ursola Camilleri u zewgha Paolo Camilleri lill-istess assenjanti Paola Vella minn wiehed u erbghin sena 'l hawn*.

B'dan izda li oltre l-fatt li ma' gew ezebiti ebda pjanti sabiex din il-Qorti tkun tista tidentifika jekk din l-istess art *Ta' Truppu* hijiex dik elenkata mill-atturi bhala proprjeta' li ghandha tidhol fid-divizjoni, anqas ingiebu provi minn din il-konvenuta dwar kif l-istess bicca art allegatament ghaddiet ghandha ghad eskluzjoni ta' haddiehor minghand Ursola Camilleri.

Din il-konvenuta Maria Camilleri infatti fin-nota responsiva taghha tal-21 ta' Marzu, 2023 maghmulha b'risposta ghall-dik tal-atturi bl-elenku emendat tal-prorpjetajiet li skonthom ghandhom ikunu in divizjoni tghid biss li din il-proprjeta' *illum tappartjeni lill Maria Camilleri* mentri, fit-testimonjanza tar-ragel ta' bintha Raymond Muscat,[44] li maghha jaqblu kemm bintha Mary Louise Muscat kif ukoll binha Robert Camilleri, dan jghid li din il-proprjeta' waslet ghand Ursola Camilleri minghand Paola Vella bl-att ta' *datio in solutum* mentri omm martu, ossia l-konvenuta Maria Camilleri wirtet lill Ursola Camilleri.[45]

B'dan izda li l-istess konvenuta Maria Camilleri ma' tressaqx kopja ta'xi testment li bih allegatament wirtet hi din il-prorpjeta' minghand Ursola Camilleri u dan, minghajr xejn ma' jinghad dwar il-fatt li din il-Qorti ma' taqbilx mat-tezi tax-xhieda migjuba minn din il-konvenuta Maria Camilleri li proprjeta' li tghaddi b'att ta' *datio in solutum* hija eskluza mill-komunjoni tal-akkwisti.[46]

B'dan li ghalhekk din il-proprjeta' qieghda tigi kkunsidrata min din il-Qorti bhala proprjeta' in divizjoni bejn il-partijiet kontendenti.

---

[44] Ref. Affidavit a fol 167.
[45] Ref. para. 4 tal-affidavit tieghu.
[46] Ref. Para 2 tal-affidavit ta' Raymond Muscat. Ref. ukoll l-Artikolu 1320 tal-Kap. 16 tenut kont li hlas permezz ta' *datio in solutum* waqt iz-zwieg - bil-fatt, *inter alia*, li Ursola Camilleri kienet mizzewga lill Paolo Camilleri dakinhar li sar l-istess *datio in solutum* huwa rikonoxxut fuq l-att ta' *datio in solutum* innffisu, jammonta ghal-qligh min xoghol jew hidma ta' wiehed mill-mizzewgin, kif fil-fatt jirrikonoxxi l-istess att ta' *datio in solutum* - u jaqa' allura prettament taht id-dettamin tal-A. 1320(a) li jiddeskrivi x'jaqa' fil-komunjoni tal-akkwisti ta' kopja mizzewwga.

***Dwar il-proprjeta' elenkata mill-atturi bhala dik numru (v):***

Din il-proprjeta' hija deskritta mill-atturi bhala nofs indiviz tal-art li fuqha nbena l-fond *Martin*, fi Triq San Gwann, in-Nadur, Ghawdex. Gie wkoll iccarata li fid-divizjoni ghandu biss jidhol il-valur tal-art stante li l-benefikati fuq din il-proprjeta' saru mill-konvenuta Carmela Xuereb.

Dwar l-oggezzjoni taghha li din il-proprjeta' tiga nkluza fid-divizjoni, il-konvenuta Carmela Xuereb qalet li din l-istess proprjeta' kienet giet imhollija lilha minn missierha Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri bi prelegat fit-testment *unica charta* tieghu tas-7 ta' Gunju, 1975 in atti Nutar Maurice Gambin. B'dan li hija giet ukoll immessa fil-pussess ta' dan il-prelegat b'kuntratt li sar mill-partijiet kontendenti kollha fl-10 ta' Jannar, 2013 in atti Nutar Joel Grima.

Da parti taghha l-konvenuta Maria Camilleri rrimettiet ruhha dwar din il-proprjeta' stante nuqqas ta' informazzjoni fil-pussess taghha.

Din il-Qorti tibda sabiex tosserva li l-awturi tal-partijiet kontendenti Paolo sive Pawlu sive Paul u martu Ursola Camilleri ghamlu diversi testmenti tul hajjithom b'dan li fl-atti m'humiex komprizi kopji ta' dawn it-testmenti kollha.

Infatti, jirrizulta li dawn l-imsemmija Paolo sive Pawlu sive Paul u martu Ursola Camilleri certament ghamlu testmenti *unica charta* fis-7 ta' Gunju, 1975, fil-25 ta' Ottubru, 1979, fit-12 ta' Settembru, 1980 u anke fit-30 ta' Ottubru, 1981.[47]

B'dan izda li fl-atti ta' dan il-process din il-Qorti giet provduta biss bl-att ta' insinwa tat-testment tat-30 ta' Ottubru, 1981[48] u b'kopja awtentikata tat-testment tas-7 ta' Gunju, 1975.[49]

Kif inhu risaput, testment anticedenti jista f'kull kaz ihassar u jirrevoka wiehed precedenti b'dan li jista jaghti l-kaz li kwalunkwe' mit-testmenti *unica charta* maghmulha mill-konjugi Paolo sive Pawlu sive Paul u Ursola Camilleri fl-1979, fl-1980, jew fl-1981 setgha hassar u rrevoka dak tal-1975.

---

[47] Ref.: tieni premessa tar-rikors promotur u ricerka a fol 30 sa 78

[48] Kopja a fol 78.

[49] Kopja afol 280 *et seq.*

Maghdud dan, bit-testment *unica charta* ta' dawn l-imsemmija konjugi Camilleri maghmul fis-7 ta' Gunju, 1975 in atti Nutar Maurice Gambin, gie tassew imholli prelegat lill-konvenuta Carmela Xuereb ta' *l-art taht id-dar taghha (bil-hanut maghha), bla isem u bla numru, Triq San Gwann, Nadur, Ghawdex, soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' hamsa u sebghin centezmu (75c), fiha l-kejl ta' cirka nofs tomna; dinha bintha u zewgha bnew dana l-bini kollu bi flushom.*[50]

Kif inghad, kien ikun dubbju ragunat f'mohh dina l-Qorti dwar jekk testmenti li gew wara dan setghux irrevokaw din id-disposizzjoni favur din il-konvenuta Carmela Xuereb kieku mhux ghal fatt li l-istess konvenuta Carmela Xuereb ezebit ukoll att ta' immissjoni fil-pussess datat l-10 ta' Jannar, 2013 in atti Nutar Joel Grima.[51]

Dan l-att ta' immissjoni fil-pussess gie maghmul wara t-testmenti kollha maghmulha mill-genituri tal-partijiet kontendenti, il-konjugi Paolo sive Pawlu sive Paul u Ursola Camilleri, u fuqu dehru l-partijiet kontendenti kollha ghajr ghal-konvenuta Maria Camilleri.

Fost affarijiet ohra, dan l-istess att ta' immissjoni fil-pussess, wara li jaghti r-rendikont tat-testmenti kollha li saru mid-decujus Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri tul hajtu kif hawn aktar 'il fuq elenkati minn din il-Qorti,[52] izid li l-konvenuta odjerna Carmela Xuereb, oltre li giet nominata eredi universali flimkien ma' hutha l-ohra ossia Maria Camilleri, Anthony Camilleri, John Camilleri, Michael Camilleri, u l-mejjet Nazzareno Camilleri; giet ukoll nominata prelegatarja tas-sehem ta' Paolo Camilleri ta' nofs indiviz tal-art taht id-dar taghha fi Triq San Gwann, in-Nadur, Ghawdex.[53]

L-istess att ta' immissjoni fil-pussess imbaghad ikompli bil-partijiet kollha li dehru fuqu, u allura l-ahwa tal-konvenuta odjerna Carmela Xuereb - inkluz Nazzareno Camilleri kif sostitwit wara mewtu mill-armla tieghu Agnes u uliedu Natahlie Hili, David Camilleri, u Kevin Camilleri - ghajr Maria Camilleri; jimmettu lill Carmela Xuereb *fil-pussess tal-legat ta' nofs*

[50] Ref.: ir-raba' artikolu tat-testment *unica charta* tal-1975 liema artikolu jisnab a fol 281.
[51] Kopja awtentikata tal-att ta' imissjoni fil-pussess in a tti a fol 283 sa 285.
[52] Ref.: para. 2 tal-att ta' immissjoni fil-pussess li jinsab fil-pagna tal-istess li tinsab a fol 284.
[53] Ref.: para 3 u 4 tal-att ta' immissjoni fil-pussess li jinsabu fil-pagna tal-istess li tinsab a fol 284.

*(1/2) indiviz ta' l-art taht id-dar taghha (bil-hanut maghha) fi Triq San Gwann, Nadur, Ghawdex.*

Tenut kont tal-fatt li bhala proprjeta' fi Triq San Gwann, in-Nadur, Ghawdex, kien hemm biss wahda elenkata mill-atturi odjerni bhala suggetta ghad-divizjoni bejniethom fil-valur biss tal-art eskluzi l-benefikati fuqha li saru minn Carmela Xuereb - ghajr ghal dik numru 3 li ser tigi diskussa hawn aktar l-isfel - din il-Qorti hija sodisfatta li din il-proprjeta' elenkata mill-atturi bhala numru (v) ghandha tigi eskluza mid-divizjoni bejn il-partijiet kontendenti.

***Dwar il-proprjeta' elenkata mill-atturi bhala numru (ii) ma' liema, il-konvenuta Carmela Xuereb taqbel li din hija in divizjoni mentri l-konvenuta Maria Camilleri ma' taqbilx:***

Din il-proprjeta' hija deskritta mill-atturi bhala nofs indiviz tal-fond numru 3 fi Triq San Gwann, in-Nadur, Ghawdex - deskritt mill-atturi bhala appartenenti lill komunjoni tal-akkwisti bejn Paolo sive Pawlu sive Paul u martu Ursola Camilleri billi nghata b'kuntratt ta' *datio in solutum* tat-23 ta' Ottubru, 1976 in atti Nutar Antonio Galea minn Paola Vella lill Ursola Camilleri tul iz-zwieg ta' l-istess Ursola Camilleri ma' Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri;

Maria Camilleri kif rapprezentata ma' taqbilx li din il-proprjeta' ghandha tkun inkluza fid-divizjoni ghax tghid li l-istess, apparti li kienet suggetta ghal-kuntratt ta' *datio in solutum* tat-23 ta' Ottubru, 1976 kienet ukoll suggetta ghat-testment ta' Paola Vella tal-11 ta' Frar, 1971.

Din il-Qorti tibda sabiex tosserva li t-testment li fuqu tibbaza l-lanjanza taghha l-konvenuta Maria Camilleri sar qabel l-att ta' *datio in solutum* kif din il-Qorti tista facilment tikkonstata mhux biss mid-dikjarazzjonijiet maghmulha mix-xhieda li taw it-testimonjanza taghhom favur l-eccezzjonijeit tal-istess Maria Camilleri izda wkoll mil-kopja tal-atti - att ta' *datio in solutum* u testment - rilevanti li jinsabu in atti.

Infatti, kemm l-att ta' *datio in solutum* tat-23 ta' Ottubru, 1976 in atti Nutar Antonio Galea kif ukoll it-testment ta' Paola Vella li fuqu tistrieh il-konvenuta Maria Camilleri jinsabu in atti l-wiehed a fol 172 sa 177 - bi

traskrizzjoni dilattigrofata tieghu a fol 168 sa 171 mentri t-tesment jinsab a fol 178 sa 196.

Kif inhu car u risaput, testment jibqa biss abbozz sal-jum tal-mewt tat-testatur meta l-istess jigi identifikat bhala dak finali tal-istess testatur u ssir il-pubblikazzjoni opportuna.

Dan ifisser li tul l-hajja tat-testatur, l-istess testment jibqa suggett li jinbidel u anke li jithassar u jigi revokat.

Oltre minn hekk, tul hajjet it-testatur l-istess testatur jibqa mhux biss fil-pieni poteri tieghu - dment li ma' jkunx gie b'xi mod formalment interdett jew inkapacitat - li jibdel it-testment tieghu, izda anke li jiddisponi minn gidu, anke jekk l-istess ikunu jissemma fid-dispozizzjonijiet ta'xi testment tieghu, u dan bi kwalunkwe' mod u manijiera disponibbli lilu, salv dawk il-provizzjonijiet tal-ligi nostrana relattivi ghas-sehem riservat u ghal x'ghandu jigri jekk l-istess ma'jkunx disponibbli jew meta proprjeta' partikolari mhollija b'legat tinbiegh jew tigi b'kull mod aljenata tul hajjet it-testatur.

Dawn huma principji ben assodati fil-gurisprudenza nostrana li din il-Qorti ma' thossx il-htiega telebora dwarhom f'dan l-istadju ta' decizjoni prelimnari bhal tallum.

Fil-kuntest tal-mertu ta' din l-istanza, jirrizulta li bit-testment taghha tal-11 ta' Frar, 1971 - tenut kont ukoll li prova tal-finalita' tal-istess testment hija nieqsa in atti - Paola Vella ddisponiet minn gidha billi l-ewwel u qabel kollox innominat lill hutha, inkluz Ursola Camilleri, bhala eredi universali taghha[54] b'dan li wara tali disposizzjoni ghaddiet sabiex halliet diversi legati.

Fost il-legati minnha mhollija hemm diversi mhollija lill ohtha Ursola Camilleri nkluz dak tal-*lok ta' djar numru 3 (tlieta), li jinsab fi Triq San Gwann, Nadur, Gozo* [...] *ghandha tikkomprendi wkoll il-gardina li hemm annessa ma' l-istess lok ta' djar* [...]

Paola Vella zidet tghid ukoll, fl-istess testment taghha, li: *it-testatrici tiddikjara li hija tinsab debitrici vera, certa u likwida a favur tal-istess ohtha*

[54] Ref it-tieni artikolu tat-tetsment taghha li jisnab fil-pagan tat-tetsment a fol 179.

*Ursola Camilleri* [...] *f'benefikati* [...] *kif ukoll ghal versament ta' flus minn l-istess Ursola Camilleri lill-istess testatrici* [...] *it-testatrici tobbliga lill-istess ohtha Ursola Camilleri li tkompli sserviha kif s'issa tant hija personalment kemm ukoll il-familja taghha ghamlu mat-testatrici u mal-genituri taghha* [...].

Din l-istess proprjeta' tirrizulta mghoddija lill Ursola Camilleri ghal darb' ohra minnn Paola Vella bl-att ta' *datio in solutum* tat-23 ta' Ottubru, 1976 in atti Nutar Antonio Galea.[55]

B'dan li dak li allura jirrizulta mill-atti disponibbli ghall-ezami ta' din il-Qorti huwa li l-proprjeta' suggetta ghal-legat fit-testment mhux giet aljenata b'xi mod a detriment tal-legatarja nominata izda ghaddiet ghand l-istess legatarja b'*datio in solutum* qabel giet fis-sehh id-dispozizzjoni tal-legat favur taghha, u f'hajjet Paola Vella meta din kienet fil-liberta' li tiddisponi mil-gid taghha kif riedet. Dan it-trasferiment sar ghall-istess ragunijiet imsemmija fit-testment mill-istess testatrici qua debtrici tal-legatarja.

Dan kif kjarament dikjarat kemm fit-testment kif succitata izda wkoll fl-att ta' *datio in solutum* fejn gie dikjarat minn Paola Vella li *l-assenjazzjoni b'datio in solutum qieghdha issir bhala hlas u a sodisfazjon tas-servizi, kura u assistenza u prestazzjonijiet ta' flus "brevi manu" maghmulin mill-istess Ursola Camilleri u zewgha Paolo Camilleri lill-istess assenjanti Paola Vella minn wiehed u erbghin sena 'l hawn.*

B'dan li allura anqas il-principji, kuncetti gudizzjarji u provizjonijiet legali dwar x'jigri f'kaz ta' nuqqas ta' ezistenza ta' proprjeta' mhollija b'legat fid-data tal-ftuh tas-succesjsoni ma' japplikaw ghal dan il-kaz odjern.

Stante wkoll li din il-proprjeta' giet mghoddija lill Ursola Camilleri tul iz-zwieg taghha ma' Paolo Camilleri - kif anke dikjarat fl-att ta' *datio in solutum* stess - u bi hlas ta' servigi rezi - ref in-notament maghmul *supra* dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 1320(a) tal-Kap. 16 f'din is-sitwazzjoni; l-istess kienet tappartjeni b'mod indiviz lill-konjugi Paolo u Ursola Camilleri, bil-porzjon appartenenti lill Paolo Camilleri ghandha ghalhekk tkun inkluza f'din l-azzjoni ghad-divizjoni.

[55] Ref.: para numru wiehed (1) tal-istess att li jibda fil-pagna tal-att a fol 168 u jkompli a fol 169.

Din il-Qorti hawnhekk tosserva b'interess id-decizjoni moghtija minnha kif diversament presjeduta nahr it-8 ta' Mejju, 2009 fl-ismijiet ***Anthony Camilleri pro et noe et vs Lilian mart George Gatt et***,[56] fejn gew stabbiliti l-porzjonijiet li kull wiehed mil-konjugi Paolo u Ursola Camilleri kellhom f'din il-proprjeta' stante li l-istess Ursola Camilleri qabel iz-zwieg taghha ma' Paolo Camilleri kienet diga' akkwistat sehem iehor f'din l-istess proprjeta' liema sehem kien allura parafernali taghha u mhux parti mill-komonjuni tal-akkwisti taghha ma' zewgha Paolo Camilleri.

Din il-Qorti hija sprovvista mill-pjanti li gew ezebiti u kkunsidrati fl-istanza li waslet ghad-decizjoni tat-8 ta' Mejju, 2009 b'dan izda li tipprovdi li l-istess ghandhom jifformaw parti minn dawn l-atti u li hija biss nofs dik il-porzjon ta' din il-proprjeta' numru 3 fi Triq San Gwann, in-Nadur, Ghawdex li huwa hemm dikjarat bhala proprjeta' tal-komunjoni tal-akkwisti bejn Paolo u Ursola Camilleri li ghandu jifforma parti mid-divizjoni hawn f'din l-istanza mfittxija.

***Dwar il-Qabar:***

Il-Qorti tosserva kwoll li fil-kontiwazzjoni tax-xhieda tieghu, l-attur Anthony Camilleri jsemmi li kien hemm qabar appartenenti lill missieru Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri li ghandu wkoll jigi kkunsidrat f'din it-talba ghad-divizjoni.[57]

Mary Louise Muscat, bint il-konvenuta Maria Camilleri, ukoll issemmi qabar fl-affidavit taghha a fol 110 u 111 tal-process[58] kif ukoll fix-xhieda moghtija minnha in kontro-ezami nhar il-11 ta' Novembru, 2022[59] b'dan li izda tghid li l-istess kien *tal-familja*.

Dan il-qabar ma' jergax jissemma la fin-nota li telenka il-proprjeta' in divizzjoni skond l-atturi ezebita b'korrezzjoni ta' dik precedenti b'nota tas-16 ta' Frar, 2023 u anqas fin-noti responsivi ghal din kif maghmulha mill-konvenuti.

---

[56] Citazz. Nru. 92/1997/1 - Mag. A. Ellul - kopja a fol 292 sa 305. Decizjoni kkonfermata fl-appell tad-19 ta' April, 2012 - kopja tad-decizjoni tal-appell a fol 306 sa 318.
[57] Ref.: xhieda tieghu a fol 82 *et seq*.
[58] Ref.: il-linja ta'qabel l-ahhar paragrafu fil-pagna tal-affidavit taghha a fol 111.
[59] Ref.: pagna tta-traskrizzjoni li tinsba a fol 237.

Il-Qorti sejra ghalhekk f'dan l-istadju tirriserva l-pozizzjoni tal-partijiet kontendenti dwar dan.

*Assi addizzjonali tad-decujus Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri:*

Il-Qorti tosserva li l-unici assi addizzjonali li gew riferuti ghall-attenzjoni taghha bhala proprjeta' tad-decujus Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri huma l-flejjes ddepozitati taht l-awtorita' taghha permezz tad-diversi cedoli deskritti fin-nota tal-konvenuta Carmela Xuereb li tinsab in atti a fol 203 *et seq* tal-process.

Il-Qorti tosserva ulterjorment li ma saret ebda oggezzjoni dwar dawn ic-cedoli da parti tal-partijiet kontendenti l-ohra b'dan li allura dawn l-istess flejjes ghandhom ilkoll jitqiesu bhala parti mill-assi in divizjoni bhala precedentement appartenenti lid-decujus Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri.

**Decide:**

Ghaldaqstant, tenut kont tas-suespost u ghar-ragunijiet kollha hawn dikjarati, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi t-tieni (2) talba attrici billi tiddikjara li l-assi mobbli u mmobbli formanti parti l-eredita' ossia proprjeta' gja appartenenti lid-decujus Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri li ghandha tkun suggetta ghar-rimanenti talbiet attrici kif kontenuti fir-rikors guramentat tal-1 ta' Frar, 2019 huma s-segwenti:

i. bicca art fabbrikabbli fi Triq ta' Grunju, in-Nadur, Ghawdex li kienet giet akkwistata mid-decujus Paolo sive Pawlu sive Paul Camilleri b'kuntratt ta' divizjoni tal-31 ta' Ottubru, 1959 in atti Nutar Giuseppi Cauchi;

ii. nofs indiviz ta' dik il-porzjon tal-fond numru 3 fi Triq San Gwann, in-Nadur, Ghawdex kif konfermata bhala appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-konjugi Paolo sive Pawlu sive Paul u Ursola Camilleri bid-decizjoni ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta moghtija nhar it-8 ta' Mejju, 2009 u kkonfermata fl-appell nhar id-19 ta' April, 2012 fl-ismijiet ***Anthony***

***Camilleri pro et noe et vs Lilian mart George Gatt et*** [Citazz. Nru. 92/1997/1];

iii. nofs indiviz tar-raba' maghruf bhala *Tal-Gimes*, in-Nadur, Ghawdex - deskritt bhala accessibbli mill-isqaq numru wiehed (1) fi Triq San Gwann, in-Nadur, Ghawdex;

iv. nofs indiviz ta' art maghrufa bhala *Ta' Truppu* fi Triq David Cocco Palmieri, in-Nadur, Ghawdex, u;

v. il-flejjes depozitati taht l-awtorita' ta' din il-Qorti bic-cedoli ta' depozitu segwenti:
   a) Cedola Nru. 78/20 fl-ismijiet ***Michael Camilleri vs Antony Camilleri et***;
   b) Cedola Nru. 168/20 fl-ismijiet ***Agnes Camilleri et vs Antony Camilleri et***;
   c) Cedola Nru. 183/20 fl-ismijiet ***Anthony Camilleri vs Michael Camilleri et,*** u;
   d) Cedola Nru. 48/21 fl-ismijiet ***Michael Camilleri vs Anthony Camilleri et***.

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**